

- b) Jikser l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sa fejn jirrestrinġi b'mod inġustifikat id-dritt fundamentali tal-libertà ta' intrapriża tar-rikorrenti.
- c) Jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' kontabbiltà doppja li tirriżulta minn ċerti elementi tal-passiv tar-rikorrenti, u li jwassal b'hekk għal restrizzjoni mhux neċċessarja u sproporzjonata manifestament inguistifikata.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tat-tieni subparagraphu tal-Artikolu 103(2) tad-Direttiva 2014/59 u tal-Artikolu 70 tar-Regolament 806/2014, interpretati fid-dawl tal-Artikolu 16 tal-Karta u tal-prinċipju ta' proporzjonalità
- F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-motivi li jiġiustifikaw l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' Delega 2015/63 juru b'mod ċar in-neċċessità li l-profil ta' riskju tar-rikorrenti jiġi aggħustat għall-ispeċifiċità operazzjonali tan-network kooperattiv li hija tmexxi, kif meħtieġ mill-artikoli ċċitat iktar 'il fuq. Għaldaqstant, hemm lok li jitqies li d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-kontenut tagħha jirrifletti l-applikazzjoni stretta u letterali ta' prinċipju li ma jiħux inkunsiderazzjoni l-profil ta' riskju tar-rikorrenti, tikser it-tieni paragrafu tal-Artikolu 103(2) tad-Direttiva 2014/59 u, b'mod partikolari, ir-Regolament 806/2014, li l-Artikolu 70 tiegħu, dwar kontribuzzjonijiet *ex ante*, jirreferi għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59 u għal-leġiżlazzjoni applikabbli tagħha.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali li jippermetti li jiġu attribwiti effetti retroattivi għal-deċiżjoni.
- F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-ġurisprudenza sa fejn
 - a) L-għanijiet allegati minn SRB li jiġiustifikaw l-applikazzjoni retroattiva tad-deċiżjoni kkontestata ma humiex għanijiet ta' interassi ġenerali li jistgħu jiġiustifikaw deroga mill-prinċipju ġenerali tan-nuqqas ta' applikazzjoni retroattiva tal-atti tal-Unjoni,
 - b) Fi kwalunkwe każ, ir-retroattività la hija essenzjal u lanqas neċċessarja sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet sa fejn jeżistru alternattivi inqas vinkolanti għall-partijiet li jippermettu t-twettiq tagħhom; u
 - c) L-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti ġew miskura peress li l-aġiż ta' SRB imur kontra l-effetti stabbiliti mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-323/16.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ir-responsabbiltà kuntrattwali ta' SRB skont l-Artikoli 268 u 340 TFUE u 87(3) tar-Regolament 806/2014 minħabba arrikkiment indebitu.
- d) F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li SRB huwa marbut jikkumpensa lil Banco Cooperativo Español abbażi tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali minħabba arrikkiment indebitu, għall-interessi li ddekorrew bejn il-mument tal-ħlas tal-kontribuzzjoni *ex ante* għas-sena 2016 – ħlas li, mill-annullament tad-deċiżjoni tal-2016 fil-Kawża T-323/16, ma huwa bbażat fuq ebda deċiżjoni ta' SRB – u l-mument ta' ħlas definitiv jew, sussidjarjament, id-data tad-deċiżjoni kkontestata.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ġunju 2020 – Einkaufsbüro Deutscher Eisenhändler vs EUIPO –
Tigges (TOOLINEO)**
(Kawża T-877/19) ⁽¹⁾
(2020/C 313/49)
Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tad-Disa' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 61, 24.2.2020.